**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (27)



Il-bejt tal-Knisja tal-Portu Salvu mimli bin-nies jsegwu t-tiġrijiet tar-Regatta Nazzjonali

Il-ġimgħa l-oħra bdejna bl-intervista li jien kont għamilt lil Charlie Rowe li kien imdaħħal sewwa fil-kwistjoni mad-dwana fuq id-dgħajsa tal-Isla li kienet ġerriet qabel il-gwerra, iżda mbagħad ma ngħatatx il-permess biex iġġerri wara l-gwerra għax ma għadditx mill-perit tad-Dwana.

Il-ġimgħa l-oħra slitna silta mill-artiklu interessanti li kien kiteb Charlie Rowe u li ġie ppubblikat fuq il-perjodiku l-Invicta, u li kif nafu, din il-kwistjoni xprunat lid-dwana biex finalment iżid regolament ġdid ma' dawk eżistenti li fuqhom titmexxa r-Regatta Nazzjonali, u li dan ir-regolament kien jgħid li d-dgħajjes tal-Pass li jieħdu sehem fit-tiġrijiet ta' Bi Tnejn u f'ta' Bl-Erbgħa rridu jiġu miżgħuna, u li l-piż tagħhom waqt il-korsa ma jridx ikun inqas minn 400 libbra.

Meta l-kumitat tal-Isla pprotesta mad-dwana u fittex li jingħata spegazzjoni għaliex id-dgħajsa tal-Isla ġiet miżmuma, ma kienx fadallu triq oħra għajr dik li jkellem lill-ministru konċernat, u dan meta sema' l-ilmenti li tressqu quddiemu mill-kumitat tal-Isla ta ordni biex id-dgħajjes kollha li kienu se jieħdu sehem fir-Regatta jiġu eżaminati mill-ġdid.

Fil-kitba tal-lum se nkompli nislet siltiet oħra minn dan l-artiklu interessanti biex il-qarrejja li qegħdin isegwu dawn l-intervisti dwar ir-Regatta Nazzjonali jkunu jafu l-konklużjoni ta' din il-kwistjoni"

"Is-Sibt, 7 ta' Settembru, data li fiha skond l-avviż tal-Kollettur tad-Dwana, l-opri tat-tiġrija kellhom jiġu reġistrati u eżaminati mill-ġdid, jien kont wieħed mid-delegati tal-Isla li attendew fil-Boat House tad-dwana.

"Din il-konklużjoni l-perit jasal fiha billi jkejjel it-tul, il-wisa' u l-għoli, kif ukoll il-ħxuna tal-Body tad-dgħajsa (l-għeluq), u hawn li rrid nieħu ftit wisa' biex nuri lill-qarrejja l-mod li bih dan il-perit ikejjel il-ħxunijiet tat-twavel – kejl importanti li d-dwana tagħmel enfasi fuqu għax inkella l-bennej jagħmlu rqieq kemm jista' biex id-dgħajsa tkun ħafifa u għalhekk d-dwana tagħti minimum (l-inqas) ta' ħxuna li ħadd ma jista' jaħrab minnha.

"Mela għal dawk il-qarrejja li huma tas-sengħa malajr jifhmu li l-ħxuna hija importantissima.

"Il-perit b'timplor irqieq f'idu jagħżel partijiet fid-dgħajsa u jtaqqap toqob biex jara dawn il-ħxunijiet - imma kif ma tidħkux l-aħwa, speċjalment dawk minkom li intom tas-sengħa, meta ngħidilkom, li l-perit idaħħal it-timplor, iħoss b'sebgħu li l-ponta tiegħu tinfed mill-injam, imbagħad iżomm subgħajh magħfus mal-qoxra ta' barra tad-dgħajsa, jiġbed barra t-timplor u jara fuq il-pied il-ħxuna tat-tavla ... dħaktu naħseb, u tidħku bħali meta sirtu tafu l-importanza tal-ħxuna u l-għodda miżera, u l-mod taċ-ċajt li l-perit juża biex jaċċerta ruħu minn dan il-fatt importanti.

"Il-perit għamel dan l-eżami lid-dgħajjes li kienu ser jġerru b'Erbgħa Mqadef biss - lil dawk li ħadu sehem parti fit-tiġrija b'żewġ Imqadef ma sarilhomx eżami bir-reqqa bħall-oħrajn. Il-perit naturalment kellu r-raġunijiet għaliex ma għamilx hekk.

"Id-dgħajsa tal-Isla, mittieni eżami, li seta' ma sarx reġgħet m'għadditx, kien wisq naturali li l-perit li fil-5 ta' Settembru qal li mhux tajba, mhux se jerġa' lura minn kelmtu, u fis-6 ta' Settembru, kif qal tajjeb lill-Kollettur tad-Dwana li kien preżenti - "jien rrid nsalva r-reputazzjoni tiegħi". Din id-darba l-iskuża ma kinitx ħlief li d-dgħajsa mhux irfinuta biżżejjed u mhux tajba għall-passiġġieri ....."

Nota: Dan l-artiklu spiċċa bi tliet riflessjonijiet u suġġerimenti: "... nistaqsu lil perit:

"1. Meta dgħajsa tkun taqbel f'kollox mal-qisien tad-dwana, x'iwasslu biex jaħseb li mhux tajba għall-10 passiġġieri la ma għabbihiex bin-nies?

2. Kien ikun interessanti ħafna kieku kellu jġħabbi lin-nies lid-dgħajjes tat-tġrija u kulħadd jara b'għajnejh minn jinżel l-aktar fl-ilma b'għaxra min-nies.

3. Kien ikun xieraq ukoll kieku permezz ta' xi miżien id-dgħajjes iġibu piż stabbilit u dan għandu jsir fis-snin li ġejjin biex ħadd ma jgorr...

"Ikun xieraq ukol li minflok perit wieħed id-dwana jkollha aktar, biex f'każ bħal dan l-inqala', il-Kollettur tad-Dwana jkun jista' jisma' aktar minn opinjoni waħda, u fl-aħħarnett ikun xieraq ukoll li l-Ministru jxandar ir-rapport li ordna li jsir mill-perit biex kulħadd ikun jaf bis-serjetà li teżisti fil-fergħa ta' dan id-dipartiment, u għan-nies tal-Isla biex jaraw jekk magħhom sarx ħaqq ...."

Ovvjament il-kwistjoni ta' din id-dgħajsa li ironikament qabel il-gwerra ħadet sehem fir-Regatta u rebħet il-palju ta' bl-Erbgħa, l-istess dgħajsa, wara l-gwerra, proprju ma għadditx mid-dwana, qamet il-kwistjoni tal-piż tad-dgħajjes.

Iżda jingħad li l-problema tal-piż għad-dgħajjes tal-Pass waqt ir-Regatta ddaħħal b'regolament mid-Dwana fuq dgħajsa oħra tal-Isla li fuqha kienet inqalgħet kwistjoni simili. L-aħħar mistoqsija tiegħi lil Charlie Rowe proprju kienet fuq il-piż tad-dgħajjes tal-Pass:

*Charles, nafu li l-lum id-dgħajjes kollha li jieħdu sehem fir-Regatta Nazzjonali suppost li jkunu ta' piż wieħed waqt it-tiġrija. Għaldaqstant ma taħsibx li t-toqol ta' ekwipaġġi jkun ta' żvantaġġ kbir għar-rebħ tal-palju?*

"Ħafna mill-barklori kien ikun fihom irġiel, u bejn wieħed u ieħor il-piż ta' kull ekwipaġġ kien ikun l-istess, iżda llum tara ekwipaġġi ta' żagħżagħ li ma fihom xejn u ekwipaġġ ieħor li fih il-piż.

"Jekk iż-żewġ ekwipaġġi ikollhom dgħajsa tajba u t-tnejn għandhom l-istess esperjenza, tasal biex tgħid li l-ekwipaġġ ħafif se jkollu vantaġġ fuq l-ieħor, iżda jekk l-ekwipaġġ li għandu l-piż ikun teknikament aħjar mill-ieħor, allura l-esperjenza tirbaħ.

"Fuq kollox, l-esperjenza għallmitna li dgħajsa armata bl-aħjar qaddiefa m'għandhiex garanzija li tirbaħ il-palju, għax dan jiddependi wkoll fuq il-polza, ir-riħ u l-kurrenti tal-port .... kif nafu, illum id-dgħajjes kollha li jieħdu sehem fit-tiġrija suppost li jkunu ta' piż wieħed irrispettivament mit-toqol ta' l-ekwipaġġ.

"Semmejtlek id-dgħajsa ħafifa tal-Isla li kellna kwistjoni fuqha mad-dwana ... jekk wieħed iġib quddiem għajnejh l-ekwipaġġ Senglean li kien se jġerri bid-dgħajsa li kienu jsibuha bħala l-ħafifa, m'hemmx l-iċken dubju li din kienet titrażżan waqt il-korsa b'erbat irġiel qishom ġganti."